MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2008

Numru 217/2008

Il-Pulizija
(Spettur Spiridione Zammit)

vs

Melchior Spiteri

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 248575(m) akkuzat talli fis-17 ta' Marzu ghal habta tal-10.30am u hinijiet wara waqt li kien fl-ufficju tad-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin:

(a) ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna tas-Superintendent Sandro Gatt, Pc 133 Chris Bonnici SRT u James Abela A/Sco SRT, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba

li kienu jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinflwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz – bi ksur tal-Artikolu 95(1) tal-Kap 9;
(b) fl-istess jum, hinijiet, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-giegh ta' xi hadd, u cioe' il-giegh tad-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, is-Supretendent Sandro Gatt, Pc133 Chris Bonnici u James Abela, ufficjali tal-imsemmija Facilita' Korrettiva ta' Kordin, weggaghhom bi kliem, gesti jew b'xi mod iehor;
(c) rrenda ruhhu recidiv ai termini ta' l-Artikolu 49,50 u 289 tal-Kodici Kriminali, fejn huwa kien gie misjub hati u kkundannat b'diversi sentenzi tal-Qrati Maltin b'sentenzi li ma jistghux jinbiddlu jew jithassru.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda inkluza dik tal-imputat bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;
Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-akkuzat jikkoncernaw offizi taht il-Kap 9, senjatament:
- l-offiza taht l-Artikolu 95 li jittratta l-ingurji jew theddid kontra ufficjali pubblici jew offizi fuq il-persuna taghhom;
- l-offiza taht l-Artikolu 252 li jittratta ingurji bi kliem, gesti etc bil-hsieb li tittellef jew titnaqqas il-gieh ta' xi hadd;
- bir-recidiva.

Issa c-citazzjoni tixli lill-imputat b'data specifika u b'hin determinat bejn l-10.30am u hinijiet wara li jfisser li dak li seta' sehh granet qabel m'huwiex inkluz fl-akkuza ghalkemm jista talvolta jkun ta' riljev ghad-difiza tal-imputat, kif din il-Qorti effettivament tahseb li hu.

Illi fl-incident tas-17 kif riferut fl-akkuza u kif jinsab pruvat li gara hu li l-imputat isejjah fl-ufficju tad-direttur fuq talba tal-imputat stess fejn hu (ossija l-imputat) uza kliem ta' theddid fil-konfront ta' ufficjal partikolari, cjoe PC 133. Jirrisulta li presenti fl-ufficju dak il-hin kien hemm id-direttur, l-Maggur Abela u appuntu l-PC133 Bonnici. Il-Maggur Abela xehed illi l-imputat lilu la insultah u la heddu izda mitlub jispiega x'kien d-diskors li qal l-imputat ix-xhud stqarr waqt li rrefera ghall-incident ta' xi gimgha qabel meta l-imputat  wegga' lilu innifsu permezz ta' hgiega ta' arlogg li l-kliem indirizzat mill-imputat lill-PC 133 fl-ufficju tad-direttur kien li li kieku l-hgiega kienet ikbar il-punti mhux fuqu kienu jkunu pero' fuq il-kuntistabbli 133. Id-direttur u l-kuntistabbli invece stqarrew illi l-imputat semma l-ghonq u mhux id il-kuntistabbli.

Illi mill-assiem tax-xhieda li jirrizulta allura fic-cert fl-ambitu tal-akkuzi, irrispettivament jekk kienx isemma l-ghonq jew l-id, hu li l-imputat kien hedded lill-kuntistabbli u lilu biss ghaliex mill-bqija, riferibbilment hawnhekk wkoll ghall-kliem li qal l-imputat li ma jinsiex la t-tajjeb u lanqas il-hazin, din il-Qorti mhiex qeghdha tirrijavviza b'daqshekk xi theddida u dan partikolarment fil-kuntest li ntqal dan il-kliem. Konsegwentement jekk kellha tirrizulta l-akkuza taht l-ewwel paragrafu din tirrizulta limitatament fil-konfront tal-kuntistabbli 133.

Illi difficilment imbaghad din il-Qorti tista' tirriskontra xi reita' taht it-tieni paragrafu tal-akkuza li jipottizza r-reat ta' diffamazzjoni jew ingurja gravi taht l-Artikolu 252(1) tal-Kap 9 u dan principalment ghaliex ma jissusistux l-elementi kostituttivi tieghu billi f'kull kaz il-kliem attribwiti lill-imputat, li in linja di massima mhux kontestat li saru, ntqalu 'de visu'. Jista' f'dan is-sens japplika s-subartikolu 2 izda anka hawnhekk il-kliem ghandhom neccessarjament ikunu nghadu biex itellfu jew inaqqsu l-gieh. Issa fil-fehma tal-Qorti muhiex il-kaz hawnhekk.

Intant ghandu jkun bil wisq car illi qorti m'ghandhiex tisurpa d-diskrezzjoni ta' awtorita' li hija kostitwita' b'ligi u tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-awtorita' jekk mhux fil-kazijiet li huma permessi bil-ligi. Ikun

ghalhekk inopportun kieku din il-Qorti kellha tasal sabiex tiggudika d-diskrezzjoni esercitata mid-direttur tal-Facilita' Korrettiva fil-konfront tal-imputat. Dan pero' m'ghandux ifisser li din il-Qorti m'ghandhiex tiehu in konsiderazzjoni meta tigi biex tapplika l-piena dik il-punizzjoni li tkun gja giet imposta fuq l-imputat anka jekk b'mod amministrattiv. Fil-kuntest ta' dan mill-assiem tal-provi, senjatament ix-xhieda ta' Mario Felice, ex chairman tal-Bord tal-Vizitaturi, jirrisulta li l-imputat gja gie adegwatament punit tal-misfatt li, fid-dawl tax-xhieda li semghet u in kwantu milqut bl-Artikolu 95 tal-Kap 9, kien bil-ferm aktar oneruz milli kieku din il-Qorti kellha tapplika u tikkundanna lill-imputat fuq l-iskorta tal-imsemmi artikolu 95, li fil-fehma taghha hu applikabbli fit-tieni incis tieghu konsiderati c-cirkostanzi u l-attenwanti kollha tal-kaz.  Dan fuq kollox hu in sintonia mal-precett kostituzzjonali stabbilit fil-proviso tas-subartikolu 9 tal-Artikolu 39.

Rat ghalhekk l-Artikolu 7, 95, 95(2) tal-Kap 9. Waqt li ssib l-imputat hati tal-ewwel akkuza izda mhux wkoll tat-tieni. tikkundannah it-twiddiba.

Inghad dan mhux il-kaz li tinoltra fuq r-recidiva.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------